MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2015

Appell Civili Numru. 6/2013

**Seduta tad-29 ta' Lulju 2015**

**Appell numru: 06/2013**

**RAYMOND MICALLEF**

**Vs**

**SPITERI BAILEY & Co.**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza ippronunzjata mit-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur imoghtija fid-09 ta' Lulju 2013 fejn gie deciz:-

***"It-Tribunal***

*Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-16 ta' Lulju, 2012 fejn ir-rikorrenti talab rifuzjoni spejjez fl-ammont ta' mija u tmintax il-ewro (€118), rapprezentanti xoghol zejjed li ma kienx it-tort tieghu li ntilfu l-karti.*

*Is-socjeta` ntimata pprezentat risposta t bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.*

*Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u x-xhieda tal- ntimat li huma rapprezentanti tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi tal-kaz;*

***Ikkonsidra s-segwenti:***

*Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien qabbad lis-socjeta' ntimata sabiex jaghmel oggezzjoni ta' taxxa u hallas tax-xoghol li ghamlulu. Pero' meta mar jiccekkja mad-dipartiment biex jara jekk waslitx l-ittra, qalulu li ma waslitx ghandhom.*

*Is-socjeta ntimata regghet bdiet tfittex u talli fittxew din l-ittra baghtulu kont ta' mija u tmintax il-ewro (€118).*

*Is-socjeta` ntimata ssottomettiet illi eventwalment din l-ittra nstabet fid-dipartiment, illi huma kienu ghamlu xogholhom u li kien id-dipartiment li ma sabiex mill-ewwel, illi r-rikorrenti rega' qabbad lis-socjeta` ntimata sabiex ifittxu l-ittra u li haditilhom iz-zmien u li ghalhekk baghtulu l-kont ta' mija u tmintax-il-ewro (€118).*

***It-Tribunal jinnota illi:***

*It-Tribunal jinnota illi s-socjeta' ntimata zgur li ma kellhiex tort u se mai t-tort huwa tad-dipartiment u jekk ir-rikorrent qabbad lis-socjeta' ntimata taghmillu xoghol iktar, din ghandha dritt tithallas ghalih.*

***Ghal dawn il-motivi:***

*It-Tribunal, qed jichad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."*

Illi l-appellanti Raymond Micallef ħassu aggravat b' din id-decizjoni u interpona dan l-appell fejn ilmenta illi t-Tribunal ma ħax konjizzjoni tajba tal-

provi miġjuba fis-sentenza impunjata stante illii huwa ma talab l-ebda servizz lis-soċjeta appellata iżda sempliċiment ċemplilha biex jitlob informazzjoni dwar l-oġġezzjoni tat-taxxa maghmula biex jara jekk din effettivament kenitx daħlet fid-dipartiment.

Illi jirriżulta mill-provi illi l-appellanti qabbad lis-soċjetà appellata tagħmel għan-nom tiegħu oġġezzjoni tat-taxxa. Irriżultalu illi l-ittra ta' oġġezzjoni ma wasslitx immedjatament fid-dipartiment fejn kellha tasal, bir-riżultat illi l-appellanti kien qiegħed jiċċekkja mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni jekk l-oġġezzoni kienetx fil-fatt saret. L-appellanti talab ukoll lis-soċjetà appellata biex tiċċekkja  x'ġara eżattament minn din l-ittra ta' oġġezzjoni.

Fil-fatt l-ammont mertu ta' din il-kawża tirrapprezenta l-kont li s-soċjetà appellata  bagħtet lill-appellanti talli hija għamlet it-tfittxijiet tagħha għal din l-ittra ta' oġġezzjoni. Pero l-appellant isostni illi kien huwa li skopra li l-oġġezzjoni ġiet *misplaced,*  u li ukoll kien huwa stess li irnexxielu jirrintraccja l-oġġezzjoni permezz ta' għajnuna li irċieva mid-dipartiment, wara li huwa kien ċempel lis-soċjeta appellata.

Illi s-socjeta appellata tissolleva n-nullita ta'l-appell interpost mhux biss ghaliex id-ditta appellata ma hijiex socjeta kummercjali b'personalita guridika distinta, izda ukoll ghaliex l-istess appell ma jinkwadrax ruhu fid-disposizzjonijiet tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta Malta. Din il-Qorti fil-fatt ma tistax ma tosservax illi  fil-verita' dak li l- appellanti qed isostni fl-appell tiegħu huwa li t-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-provi quddiemu u qed isejjes l-impunjattiva tieghu abbazi ta' analizi tal-provi imressqa fil-mertu.

Illi appell lil din il-Qorti minn decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi huwa cirksokritt fil-limiti ta' dak li jipprovdi l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 378**.** La darba dan huwa kaz fejn l-ammont in kwistjoni kien inqas

minn €1,200 mela allura l-appellanti seta isejjes l-appell tieghu unikament fl-ambitu ta' dak li jipprovdi l-imsemmi artikolu tal-ligi, u allura taht dan l-aspett din il-Qorti ma ghandhiex u lanqas tista' taghmel apprezzament tal-provi mill-gdid ta' dak sottomess quddiem it-Tribunal.

Fl-appell tiegħu l-appellant ma allegax li t-Tribunal mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali, tant li l-ilment tal-appellanti jidher li huwa purament fuq il-kwistjoni ta' apprezzament ta' provi li ghamel it-Tribunal fejn jidher car li t-Tribunal ikkonkluda illi s-soċjetà intimata appellata tat servizz professjonali lill-appellanti u li ta' dan hija kellha dritt titħallas

Gjaladarba allura l-appell odjern jittratta effettivament talba sabiex din il-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik tat-Tribunal, it-talba maghmula mill-appellanti ma tistax tigi ikkunsidrata billi mhijiex legalment ikkonsentita.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tichad l-appell interpost u tikkonferma d-decizjoni appellata, bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------